

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDAZZJONIJET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-8 ta' Ottubru 2010

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Eesti Pank

(BĊE/2010/16)

(2010/C 282/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u partikolarment l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek Ċentrali nazzjonali tal-Ewrosistema huma awditjati minn awdituri esterni indipendentni rrikkmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/416/UE tat-13 ta' Lulju 2010 konformi mal-Artikolu 140(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni tal-euro mill-Estonja fl-1 ta' Jannar 2011 (1) l-Estonja tissodisfa l-kundizzjonijiet

neċessarji għall-adozzjoni tal-euro u d-deroga favur l-Estonja msemmija fl-Artikolu 4 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 (2) hija mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2011.

- (3) Eesti Pank għażel lil AS Deloitte Audit Eesti bhala l-awdituri esterni tieghu għas-snin fiannzjarji 2011 sa 2015,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrikkmandat illi AS Deloitte Audit Eesti għandhom jinhātru bħala l-awdituri esterni tal-Eesti Pank għas-snin finanzjarji 2011 sa 2015.

Magħmulu fi Frankfurt am Main, it-8 ta' Ottubru 2010.

*Il-President tal-BĊE
Jean-Claude TRICHET*

⁽¹⁾ ĠU L 196, 28.7.2010, p. 24.

⁽²⁾ ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33.